DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 5/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 372/2007 tat-2 ta' April 2007 li jistabbilixxi limiti ta' migrazzjoni tranżizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel ([2]), għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/225/KE tat-3 ta' April 2007 dwar programm koordinat ta' sorveljanza mill-Komunità għall-2007 biex tiġi aċċertata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti u li tikkonċerna programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għall-2008 ([3]) għandha tiġi inkorporata fit-Ftehim.

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/26/KE tas-7 ta' Mejju 2007 li temenda d-Direttiva 2004/6/KE biex testendi l-perjodu tagħha ta' applikazzjoni ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE tat-3 ta' Mejju 2007 dwar il-monitoraġġ tal-livelli tal-acrylamide fl-ikel ([5]) għandha tiġi inkorportata fil-Ftehim.

(6) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/27/KE tal-15 ta' Mejju 2007 li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward ta' livelli massimi ta' residwi għal etoxazole, indoxacarb, mesosulfuron, 1-methylcyclopropene, MCPA u MCPB, tolylfluanid and triticonazole ([6]) għandha tiġi inkorporata fil-ftehim.

(7) Din id-deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim se jiġi emedat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud ma' punti 38 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE), 39 (id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE) u 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE):

"— **32007 L 0027**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/27/KE tal-15 ta' Mejju 2007 (ĠU L 128, 16.5.2007, p. 31)."

([1]) ĠU L 124, 8.5.2008, p. 15.
([2]) ĠU L 92, 3.4.2007, p. 9.
([3]) ĠU L 96, 11.4.2007, p. 21.
([4]) ĠU L 118, 8.5.2007, p. 5.
([5]) ĠU L 123, 12.5.2007, p. 33.
([6]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 31.

2. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 54zzm (Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/6/KE):

", kif emendat b'li ġej:

— **32007 L 0026**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/26/KE tas-7 ta' Mejju 2007 (ĠU L 118, 8.5.2007, p. 5)."

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 54zzzq (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE):

"54zzzr. **32007 R 0372**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 372/2007 tat-2 ta' April 2007 li jistabbilixxi limiti ta' migrazzjoni tranżizzjonali għall-plastifikanti fil-gaskits f'għotien intiżi biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel (ĠU L 92, 3.4.2007, p. 9)."

4. Il-punti li jmiss għandhom jiddaħħlu wara l-punt 61 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/583/KE):

"62. **32007 H 0225**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/225/KE tat-3 ta' April 2007 dwar programm koordinat ta' sorveljanza mill-Komunità għall-2007 biex tiġi aċċertata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li joriġinaw mill-pjanti u li tikkonċerna programmi nazzjonali ta' monitoraġġ għall-2008 (ĠU L 96, 11.4.2007, p. 21).

63. **32007 H 0331**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2007/331/KE tat-3 ta' Mejju 2007 dwar il-monitoraġġ tal-livelli tal-acrylamide fl-ikel (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 33)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 372/2007, id-Direttiva 2007/26/KE u 2007/27/KE u tar-Rakkomandazzjonijiet 2007/225/KE u 2007/331/KE fil-lingwa Iżlandiż u dik Norveġiża, għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni se tkun ippublikata fis-Sezzjoni u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.